KUNSILL LOKALI TAL-IMSIDA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 17

**It-Tlieta 29 ta' Lulju 2025**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Pjazza Menqa fil-5:00  ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi – Sindku
Margaret Baldacchino Cefai – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Jean-Claude Borg – Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop – Kunsillier
Alfred Farrugia – Kunsillier
Andrew Mallia – Kunsillier (wasal fil-5:10pm)
Christopher Borg – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Christine Amaira – Viċi Sindku

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef  – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

## 17.1 Qari tal-Apoloġiji

17.1.1 Is-SE infurmat li kien hemm ittra ta' apoloġija mill-Viċi Sindku minħabba emerġenza medika familjari li nqalgħatilha. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

17.1.2 **Minħabba li kien hemm jattendi s-Sur Ryan Cefai Mercieca, il-Liaison Officer tal-proġett tal-Imsida Creek, il-Kunsill qabel li jissospendi l-laqgħa sabiex jisma' l-aħħar updates. Kopja tal-minuti tinsab f'Anness 1.**

## 17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 16

17.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa numru 16, li kienu meqjusa moqrija.

17.2.2 Fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsillier Maurice Agius, kien hemm qbil li fir-rigward ta' para. 16.3.15 jiġi speċifikat li fi Triq Rue D'Argens, il-bus stop għandha tiġi quddiem il-funtana.

17.2.3 Fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsillier Maurice Agius dwar para. 16.7.2, kien hemm qbil li l-ħin jinbidel għal 8:50pm minflok it-8:20pm.

17.2.4 Il-minuti tal-laqgħa numru 16 ġew approvati b'mod unanimu u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 17.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

17.3.1 Għall-mistoqsija tas-Sindku dwar para. 16.3.1, dwar il-problema tal-Għajn tal-Ħasselin, is-SE infurmat li għadha ma kitbitx.

17.3.2 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius, is-SE infurmat li l-kont ta' TCTC kien fuq il-lista tal-pagamenti.

17.3.3 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Baldacchino Cefai dwar para. 16.3.10, dwar l-offerta tad-driver, is-SE infurmat li kienet qed tikkonsulta mal-persuna li jieħu ħsieb it-tenders biex jinbeda l-proċess mill-ġdid.

17.3.4 Dwar il-laqgħa mad-DG dwar il-fondi extra, is-Sindku informa li se jintalab appuntament fil-preżenza ta' CMD ukoll. Hawnhekk il-Kunsillier Chircop ġibed l-attenzjoni li l-karretti jaghmlu ikrah. Ha niddiskutuha ghada.

17.3.5 Dwar l-ittra għat-talba biex il-Kunsill jimmaniġġja l-librerija tal-Iskola Primarja, is-SE infurmat li għadha ma kitbitx lill-Ministru. Hawnhekk issuġġeriet li l-ittra tindirizzaha lill-Kap tal-Iskola u tikkopja lill-Ministru. Il-Kunsill qabel.

17.3.6 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius fir-rigward ta' para. 16.4.5 għall-għajnuna biex jinxtraw it-turġien tal-vann, is-SE infurmat li ma kellhiex ċans tikteb.

17.3.7 Dwar para. 16.4.8, dwar il-festin tal-anzjani, il-Kunsillier Agius informa li min kellu jiġi jagħmel l-entertainment kellu incident id-dar u ma setax jattendi però kien wiegħed li se jagħmel

17.3.8 sessjoni bla ħlas f'xi ġurnata oħra li jiddeċiedi l-Kunsill. Fir-rigward tad-data tal-festin ta' San Ġużepp, il-Kunsillier Agius tenna li s-Sindku ma kellux x'jaqsam mad-data magħżula u li din intagħżlet bejnu u s-Supervisor taċ-Ċentru. Hawnhekk il-Kunsillier JC Borg qal li ma kienx jaqbel mal-kummenti li għaddew kontra s-Sindku fuq il-mezzi soċjali.

## 17.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

17.4.1 Il-Kunsillier C. Borg informa li qassam it-tieni rapport dwar proġetti tal-UE u ta spjega ħafifa. Kopja tar-rapport hija mehmuża.

17.4.2 Il-Kunsilliera Baldacchino Cefai infurmat li kienet preparat ir-rapport ta' tlett snin tal-BTIN.

17.4.3 Il-Kunsillier C. Borg informa li l-Kunsill kien se jorganizza xi laqgħat ma' Kopin dwar l-SDG's u l-Kunsilliera se jiġu mħeġġa jiddiskutu dwar kif nistgħu nimplimentaw xi punti minnhom.

17.4.4 Il-Kunsillier C. Borg ġibed l-attenzjoni li meta jkun hemm safar involut dwar proġetti tal-UE, dawn kienu jithallsu mill-programm tal-UE u meta jkunu aktar għaljin, id-differenza titħallas mill-individwi nnifishom u ma jittieħdux mill-fondi tal-kunsill.

17.4.5 Il-Kunsillier Baldacchino Cefai infurmat li kienet tkellmet mal-FSWS dwar xi attivitajiet fil-pjazza sabiex jitqajjem aktar għarfien dwar il-volontarjat.

17.4.6 Il-Kunsillier C. Borg staqsa dwar il-pelican lights u dwar ix-xoffa tal-bankina ta' Triq Xatt Ta' Xbiex. Is-SE infurmat li kienet bagħtet tfakkira lill-GHRC.

17.4.7 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li hemm periklu miż-zebra crossing ta' ħdejn il-Lucky Goose Pub iżda min-naħa ta' TM qalu li din qegħda skont ir-regolamenti. TM kienu ssuġġerew sleeping policeman fi Triq Abate Rigord imma meta hu tkellem mas-Sindku ta' Ta' Xbiex dan infurmah li diġà hemm waħda.

17.4.8 Il-Kunsillier Farrugia informa li l-hatching ta' Triq tal-Wied kien iċċara ħafna. Is-SE se tieħu ħsieb tikteb lil IM biex jerġa' jsir.

17.4.9 Il-Kunsillier Agius ġibed l-attenzjoni li kien hemm xi żejt fi Triq Arturo Bonnici ma' Triq il-Balliju Guttenberg.

17.4.10 Il-Kunsillier Chircop talab lis-SE sabiex jintalbu xi katalgi għal strutturi tal-logħob tal-playing fields.

17.4.11 Il-Kunsillier Agius staqsa meta se jsir ix-xogħol ta' rikostruzzjoni tat-toroq fi Triq it-Tabib Naudi u Triq Johnnie Catania. Is-SE infurmat li kienu irċevew talba għall-approvazzjoni għal xogħlijiet min-naħa tal-WSC u għaldaqstant dawn kienu se jerġgħu jinqalgħu. Min-naħa tal-amministrazzjoni kienu għamlu kundizzjoni li l-kisi bit-tarmak għandu jsir min-naħa għall-oħra u mhux sempliċiment kemm jinksew it-trinek.

17.4.12 Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni li possibbilment għandhom isiru t-traffic calming measures bit-tarmak ukoll minflok tal-lastiku.

17.4.13 Il-Kunsillier Agius ġibed l-attenzjoni li d-doggie bin fi Triq Xatt Ta' Xbiex kien għadu ma twaħħalx. Is-SE fakkret li skont deċiżjoni tal-Kunsill kellhom imorru hi u hu f'daqqa fuq il-post biex jaqblu fejn se jitwaħħal.

17.4.14 Il-Kunsillier Chircop propona li kemm-il darba ma ssirx il-hair pin turn viċin tal-BOV, il-Kunsill jikkunsidra li bħala alternattiva, Triq il-Kunċizzjoni tiġi one way bil-kontra u jidħlu minn Triq Dun Andrè. Wara diskussjoni kien hemm qbil li aktar tagħmel sens li jitilgħu 'l fuq minn Triq Santa Venera minflok minn Triq Dun Andrè. Il-Kunsillier Farrugia informa li hu ma kienx jaqbel li tinbidel id-direzzjoni ta' Triq il-Kunċizzjoni għaliex meta tkun ix-xita n-nies li joqogħdu x-Xmiexi jkollhom bilfors jitilgħu Santa Venera. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jibqa' jagħfas fuq il-hair pin turn u din il-proposta terġa' tiġi diskussa biss kemm-il darba ma tiġix approvata l-ewwel opzjoni.

17.4.15 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier JC Borg dwar ix-xogħlijiet maħsuba għal Triq il-Kunċizzjoni, is-SE infurmat li sal-ġurnata kienu għadhom ma semgħu xejn.

17.4.16 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier JC Borg dwar jekk kienx hemm xi żviluppi wara l-email li ntbagħtet lill-Onorevoli Miriam Dalli dwar aktar tħaddir fl-Imsida, is-SE infurmat li kienet ħejjiet rapport u li kienet se tgħaddih lilhom għall-approvazzjoni u suġġerimenti qabel tibgħatulha.

17.4.17 Il-Kunsillier JC Borg ġibed l-attenzjoni li fi Triq il-Kuncizzjoni l-iskart qed jinġabar fis-7am kull nhar ta' Sibt. Kien hemm qbil li se nkellmu lill-kuntrattur.

17.4.18 Il-Kunsillier JC Borg ġibed l-attenzjoni li minħabba li kien qam ħafna riħ, kien qed jinġema' ħafna skart u saħansitra kienu qed jidhru d-dekorazzjonijiet tal-festa f'xi toroq. Kien hemm qbil li għad hemm xi problemi bil-kuntratt tal-knis u li importanti li nibqgħu ninsistu mas-CMD biex ix-xogħol isir aħjar.

17.4.19 Is-Sindku staqsa lis-SE biex terġa' tkellem lill-Periti biex jindikawlna x'inhi s-sitwazzjoni tal-Belvedere tas-Swatar.

17.4.20 Il-Kunsillier Agius staqsa jekk hemmx replacement tal-kenniesa li jkunu bil-VL jew bis-SL. Is-Sindku informa li dawn kienu ġew imwegħda iżda kien se jieħu ħsieb li jerġa' jiġbed l-attenzjoni tas-CMD mill-ġdid.

## 17.5 Punti oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

17.5.1 Is-Sindku informa li kien tkellem mal-Ministru tal-Edukazzjoni u ħa l-opportunità jsaqsih dwar il-grada tal-Iskola Primarja. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jkompli jagħmel pressjoni biex tibda l-ħidma fuq il-ftehim minn issa.

17.5.2 Il-Kunsillier JC Borg issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jikkunsidra li jkellem lill-Kap tal-Iskola tal-Junior College u jissuġġerixxi li l-parkeġġ tal-kulleġġ jibda jintuża bil-lejl għar-residenti. Kien hemm qbil.

17.5.3 Il-Kunsillier Agius informa li kien se jgħaddi kopja tal-mistednin għal Jum l-Imsida biex jaraha kulħadd u tiġi kkonfermata.

17.5.4 Huwa fakkar ukoll li hemm bżonn li jsir update tal-lista tal-persuni li xi darba jew oħra rebħu medalji ta' mertu kif ukoll apprezzamenti.

17.5.5 Is-Sindku informa li wara li saret il-laqgħa mar-residenti taż-żona ta' Triq Oscar Zammit, IM kienu infurmaw li x-xogħlijiet għandhom jibdew daqt.

17.5.6 Is-Sindku informa li kien irċieva kommunikazzjoni mingħand l-Arċipriet sabiex il-Kunsill jagħti xi għajnuna finanzjarja sabiex jinġab ġeneratur tal-elettriku għal żmien il-festa. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jħallas nofs l-ispiża u li għandu jiġi infurmat li darb'oħra għandu jagħmel it-talba minn ħafna qabel u jinġabu 3 kwotazzjonijiet.

17.5.7 Is-Sindku informa li kif forsi kulħadd sema', kien ġie avżat li l-Mużew tas-Subien kien se jagħlaq u wara 116-il sena fl-Imsida se nispiċċaw bla mużew u għaldaqstant se jispiċċaw ċertu funzjonijiet. Kien hemm qbil li għandha toħroġ post fuq facebook fejn il-Kunsill jagħmel appell lis-Soċjetà biex jirrevedu d-deċiżjoni tagħhom u tintbagħat kommunikazzjoni lis-Soċjetà kif ukoll kopja lill-Kurja. Is-Sindku kien qed jitlob ukoll li jattendi għal laqgħa biex jagħtihom sapport.

17.5.8 Il-Kunsillier JC Borg informa li hemm ħanut partikolari fl-Imsida li għandu d-duħħan mill-kċina li qed jitfa' 'l barra u jħares 'l isfel u għaldaqstant kien qed joħloq inkonvenjent.

17.5.9 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ittra mingħand persuna li kien qed jitlob għal rifużjoni ta' ħlas minħabba ħsara estensiva li għamel fuq il-vettura tiegħu fi triq residenzjali. L-avukat tal-Kunsill kien kiteb lura fejn qed jinsisti li r-responsabbiltà tal-ħsara ma kinitx tal-Kunsill Lokali.

17.5.10 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ukoll ittra għal protest ġudizzjarju mingħand is-Sur Simpkin fir-rigward tal-offerta tad-driver. Għal din l-avukat tal-Kunsill ukoll kien għadda risposta lura fejn informa li d-deċiżjoni kienet dik tal-bord tal-arbitraġġ u min-naħa tagħna mxejna kif suppost.

## 17.6 Riżenja ta' Uffiċjal Amministrattiv II u mili ta' vakanza fl-uffiċċju amministrattiv

17.6.1 Is-SE infurmat li waħda mill-uffiċjali tal-Kunsill kienet irriżenjat għaliex se tilħaq SE ġo Kunsill Lokali ieħor. Hija qalet li huwa ta' sodisfazzjon li persuna bi snin ta' esperjenza warajha tagħmel il-pass li tibda tmexxi Kunsill Lokali hi.

17.6.2 Min-naħa l-oħra ovvjament dan ifisser li l-Kunsill irid isib lil xi ħadd biex jikkumplimenta n-numru ta' ħaddiema li hemm bżonn fl-uffiċċju.

17.6.3 Hija ssuġġeriet li għalissa l-Kunsill jimpjega skrivan biex ikun jista' jitrawwem mal-kumplament tal-ħaddiema. Il-Kunsill qabel.

## 17.7 SPI/SCI/07/2025 – Skema ta' Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità

17.7.1 Is-SE infurmat li kif kienet infurmat f'laqgħa numru 14, hi u l-Periti kienu ddiskutew kif setgħu jagħmlu użu aħjar mill-ispazju li għandu l-Kunsill sabiex il-ħaddiema jaħdmu b'mod aktar komdu filwaqt li jagħtu esperjenza aħjar lir-resident.

17.7.2 Hija preżentat kopja tal-pjanti fejn dawn juru li se ssir użu mill-ewwel kamra li preżentement hija vojta u jiġi kreat desk sekondarju għal min irid jagħmel pagamenti. B'hekk se jkun hemm żewġ areas separati fejn ir-residenti jistgħu jinqdew. Hija qalet li kien qed jiġi inkluż ukoll lift ġdid hekk kif diġà kien deċiż kif ukoll refurbishment tas-sala tal-Kunsill biex tkun aktar akkoljenti u prattika biex tintuża għal laqgħat mar-residenti. Hija fakkret li kemm-il darba dan il-proġett jintagħżel, kien se jkun iffinanzjat fil-85% u l-Kunsill kien se joħroġ biss il-15%.

17.7.3 Is-SE infurmat li min-naħa tal-Periti għadhom m'għaddewlhiex l-ispiża finali imma qed timmaniġa li l-ispiża għall-Kunsill m'għandhiex tkun ta' aktar minn €5,000 iżda l-Kunsill seta' japplika għalihom mill-fondi tal-UIF.

17.7.4 Il-Kunsill approva li għandha tiddaħħal din l-applikazzjoni. Is-SE għandha tieħu ħsieb tibgħat l-EoC hekk kif tirċevih mingħand il-Periti.

## 17.8 Rapport finanzjarju għal kull kwart (April – Ġunju 2025)

17.8.1 Is-SE preżentat kopja tar-rapport finanzjarju u infurmat li kien hemm preżenti l-accountant tal-Kunsill biex tagħti spjega tiegħu.

17.8.2 L-accountant infurmat li għalkemm kien hemm titjib konsiderevoli fuq l-ispejjeż tal-Kunsill, tant li minn indikatur finanzjarju ta' -22% f'sitt xhur irnexxielna nniżluh għal -13%, xorta waħda l-Kunsill għandu jibqa' jopera b'mod għaqli u jara li dejjem jimxi mal-baġit li jkun tħejja minn qabel.

17.8.3 Hija infurmat li kemm-il darba l-Kunsill jibqa' għaddej bl-istess ritmu, għandu jkun ħareġ minn din il-kriżi finanzjarja sa nofs is-sena 2026.

17.8.4 L-accountant fakkret ukoll li l-arretrati tal-impjegati u ż-żieda li ngħatat lill-kunsilliera kienu se jingħataw lura lill-Kunsill mill-Gvern Ċentrali.

17.8.5 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Chircop dwar il-fatt li l-kontijiet tas-servizz ta' skart goff jidhru li ma sarx ħlas fuqhom, l-accountant infurmat li sa Ġunju ma kienx qed isir ħlas minħabba li kien sar żball fil-bidu tas-sena 2024 u dan il-kuntrattur kien tħallas aktar milli suppost.

17.8.6 Is-SE infurmat li IM kienu ramew numru ta' għamara tat-triq u tal-ġonna li kienu jinsabu fil-ġnien tal-Imsida u għaldaqstant kien hemm bżonn li jitnnaddaf ir-reġistru tal-inventarju.

17.8.7 Ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart ġie approvat u ffirmat mis-Sindku u mis-SE.

## 17.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

17.8.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. K9-18), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Baldacchino Cefai proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-kunsillier Chircop issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## 17.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

17.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7:50pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 26 ta' Awwissu 2025 fil-5:00pm.

**IFFIRMATA**
Charles Selvaggi
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv

**Anness 1 - Laqgħa mas-Sur Ryan Mercieca, Liaison Officer – Msida Creek Project**

Ryan informa li m'għandux informazzjoni x'jirraporta lill-Kunsill.

Is-Sindku staqsa jekk iż-żewġ postijiet (pjazza u trejqa) li tawna għall-festa hux se jkunu jistgħu jintużaw għal xi attivitajiet li ġejjin. Ryan se jieħu ħsieb jikkonferma.

Il-Kunsillier Farrugia semma' li hemm xi barrier quddiem il-lights u qegħda perikoluża għal min jixtieq jaqsam.

Il-Kunsillier Mallia semma' li hemm scaffolding perikoluż. Hawnhekk ġie determinat li dan huwa l-iscaffolding ta' Achille Ferries u mhux ta' IM.

Il-Kunsillier Farrugia semma' li hemm bżonn ta' resurfacing ta' Triq M.A. Vassalli.

Il-Kunsillier Baldacchino Cefai issuġġeriet li Ryan għandu jirringrazzja lil IM għall-koperazzjoni waqt il-festa. Is-Sindku informa li għalkemm m'għandux oġġezzjoni, bħala Kunsill kien tella' diversi posts fuq il-mezzi soċjali fejn irringrazzjahom pubblikament.

Il-Kunsillier Baldacchino Cefai semmiet li skont ma ġiet infurmata, sa Diċembru 2025, se tkun lesta l-flyover biex tieħu l-maġġorparti tat-traffiku, u mbagħad ikun jista' jibda x-xogħol minn isfel.

Is-Sindku staqsa meta se tinfetaħ it-triq ta' mal-baħar li tagħti għall-Pietà biex nassiguraw li IM jieħdu ħsieb ukoll it-traffic management ta' Triq Mons Falzon. Ryan kien se jieħu ħsieb isaqsi u jiġi lura b'risposta.

Il-Kunsillier Baldacchino Cefai staqsiet jekk hemmx xi deċiżjonijiet dwar il-possibbiltà li ssir il-hairpin turn. Ryan ma kellux risposta għaliha. Is-Sindku fakkar lil Ryan li dawn ktibna dwarhom lill-Ministru Bonett u li s'issa ma kellna ebda risposta lura.

Dwar il-bus stop ta' quddiem il-Kazin, is-SE infurmat li ghadha ma kitbitx fuqha.

Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni ta' Ryan dwar l-importanza li mal-pjazza jkun hemm xi tip ta' kamra żgħira aċċessibbilità għal dawl u ilma minħabba l-attivitajiet li jista' jkun hemm fil-futur.

Is-SE ġibdet l-attenzjoni li possibbilment għandu jkun hemm ukoll xi ġiebja żgħira jew mezz ieħor fejn jinġabar l-ilma tax-xita u titqabbad mas-sistema tal-irrigazzjoni biex l-ilma għat-tisqija ma jkunx jiddependi biss mill-bowsers li jitħallsu mill-Kunsill Lokali.

Il-Kunsillier Agius issuġġerixxa li tintbagħat ittra lill-Awtorità tal-Artijiet biex jgħaddulna kamra jew tnejn milli se jkunu qed jiġu kostruwiti.

Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius dwar il-fence għal ħdejn il-pont ta' San Alwiġi, Ryan informa li dan għandu jsir.

Il-laqgħa spiċċat fil-5:30pm.

*****